BIRKIRKARA

Minuti tat-tnejn u ghoxrin laqgha tas-Seba Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn 15 ta' Settembru 2014 fis 6.30pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur Michael Fenech Adami (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sur Kaylocke Buhagiar |
| | Is-Sur Liam Gauci |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti Skuzata) |
| | Is-Sur Mark George Abdilla (Assenti Skuzat) |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Herbert Conti |
| | Is-Sur John Mizzi |
| | Is-Sinjura Marie Claire Zammit |
| | Is-Sur John Borg (Assenti Skuzat) |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion |
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb (Assenti) |

**<u>L-Ufficjal:</u>**

| | |
|---|---|
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, l-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, u s-Sinjura Marie Claire Zammit. Kemm is-Sur Michael Fenech Adami, Dott. Josianne Cardona Gatt, is-Sur John Borg kif ukoll is- Sur Mark Abdilla kienu skuzati. Minn naha tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-Lys ma kienx hemm presenza filwaqt li mil-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar kien hemm is-Sinjur Matthew Mangion. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-publiku u lanqas il-prezenza tal-ambaxxatur. Il-laqgha kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

F'din il-laqgha kellhom jigu approvati il-minuti tal- laqgha numru 20 'A' li saret b'urgenza fir-4 ta' Awwissu 2014. ghal din il-laqgha ma kienx hemm lista tal-pagamenti. Barra dan kellhom jigu approvati ukoll il-minuti tal-laqgha 21 li saret fit-8 ta' Awwissu 2014.

## 1. Talba

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

2.1 Is –Sur Matthew kien prezenti u mhux kif imnizzel Assenti.

2.2 F'pagna 3 ghandha tigi ccarata r-referenza ghall-avukat u l-*accountant*.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti bin-numru 20 'A' u 21

3.1 Il-minuti tal-ghoxrin 'A' u wiehed u ghoxrin laqgha kienu tqassmu mal-agenda w ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-Kunsilliera prezenti li vvutaw favur, dawn kienu:- s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera , is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur Liam Gauci, s-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur-John Mary (Jimmy) Calleja, s-Sur Herbert Conti, s-Sur John Mizzi, u s-Sinjura Marie Claire Zammit. Il-minuti tal-laqgha 20 'A' u l-laqgha 21 gew approvati mill-membri kollha prezenti. Il-minuti tal-laqgha 20 'A' gew sekondati mis-Sur Anthony Buttigieg waqtl li dawk tal-laqgha 21 gew sekondati mil-Vici Sindku, s-Sinjura Rita Borg.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u Affarijiet li jirrizultaw mill-minuti numru 20 'A' u 21.

4.1 Ma kienx hemm affarijiet li jirrizultaw mill-minuti mumri 20 u

## 5. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kunsill – Lista Numru 14 u l-Petty cash

Il-Lista tal-pagamenti numru 14 kif ukoll dik tal-Petty Cash kienet tqassmet u ttiehdu bhala moqrija. Ma kienx hemm diskussjoni dwar dan.

Il-lista tal-pagamenti kif ukoll dik tal-Petty Cash gew approvati mill-membri kolha prezenti u ssekondati mis-Sur Kaylocke Buhagiar.

## 6 Korrispondenza

6.1 Is-Sindku Joanne Debono Grech qalet li kienet irceviet ittra minghand is-Sinjorina Marthese Ebejer dwar xi hlassijiet li hi qed tghid huma dovuti lilha minghand il-kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami kien il-persuna li ried jaghti spjegazzjoni dwar dan u peress li s-Sur Michael Fenech Adami kien informha li kien sejjer ikun assenti ghal din il-laqgha, s-Sindku ghazlet li dan il-kaz ghandu jigi diskuss fil-presenza tieghu. Hi talbet ukoll li s-Sinjorina Marthese Ebejer kif ukoll is-Sur Charles Grech, li jissemma f'din l-istess ittra ghandhom ikunu prezenti.

6.2 Ittra ohra kienet minghand is-Sur Mario Tabone fejn dan kien qed jitlob li jsir 'Timed Parking' fi Triq San Giljan, peress li huwa ghandu l-mara tbati b'kundizzjoni u skont hu n-nuqqas ta' parking ghar-residenti qed johloqlu inkonvinjent kbir u spejjes zejda f-cittazzjonijiet. Is-Sindku qalet li kaz bhall dan kien fil-kompitenza ta' Transport Malta' u mhuxt tal-kunsill.

6.3 Ittra ohra kienet minghand is-Sur Charles Spiteri fejn dan informa l-kunsill li jekk ma jinfetahx sprall li jinsab vicin ir-residenza tieghu, suggett li ga gie diskuss fil-presenza tas-Sur Charles Spiteri f' laqghat precidenti, huwa kien sejjer izomm il-kunsill responsabli ghal kull dani li jista jsofri f' kaz li taghmel xi maltempata. Is-Sindku qalet li hi kienet sejra ssejjah laqgha biex tara x'ghandu jsir u dan billi tghajjat lis-Sur Spiteri, l-avukat u l-perit tal-kunsill kif ukoll is-Sur Claudio Sant, garr tas-Sur Spiteri li qed jinsisiti li dan l-isprall m'ghandux jinfetah peress li meta taghmel ix-xita, l-ilma tax-xita kien qed jithallat mad-drenagg u jispicca fil-giebja tieghu. Is-Sur Claudio Sant qal li kien hu li ghalaq dan l-isprall u mhux haddiema tal-kunsill kif kien qed jghid is-Sur Charles Spiteri. Is-Sindku ziedet tghid li jekk wara din il-laqgha ma jkunx intlahaq ftheim, il-kamra ghandha tiddeciedi jekk ghandiex tiftah dan l-isprall biex is-sitwazzjoni terga tigi lura ghal kif kienet zmien ilu.

## 7 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

7.1 Is-Sur Matthew Mangion qal li fl-ewwel laqgha tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar, fejn kien hemm prezenti s-Sindku kif ukoll is-segretarju, huwa kien talab lis-segretarju biex huwa jinghata rendikont ta' kemm ghandu fondi allokati ghalih il-kumitat Amministrattiv tas-Swatar mill-allokazjoni tal-Kunsill ta' Birkirkara u kif qed jintefqu dawn il-fondi. Is-Sindku talbet lis-segretarju biex jitlob lil-*accountant* ghal din l-informazzjoni.

7.2 Is-Sur Matthew Mangion ic-chairperson tal-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar issuggerixxa li ghnadha titwahhal mera fit-Triq Vittmi tal-Gwerra kantuniera ma triq Il-Qattus peress li hawnhekk ta' spiss, kienu qed isiru incidenti tat-traffiku. Infatti dan l-ahhar kien sar incident u bollard li jinsab bejn Triq iz-Zernieq u Triq L-Ghabexi kien gie mghawweg u ghadu mghawweg sal-gurnata tal-lum. Huwa zied jghid ukoll li hemm arblu tad-dawl fi Triq tal-Qattus ma' Triq Evelyn Bonaci li jinsab fin-nofs. Tant qieghed fin-nofs zied jghid li hemm spazju fejn wiehed jista jipparkja karozza bejnu u bejn il-hajt. Fil-fehma tieghu l-Enemalta ghandha tressaq dan l-arblu biex jigi evitat kull periklu. Is-Sindku wiegbet li dan il-kaz kien ga gie rrapurat lil-Enemalta.

7.3 Is-Sur John Mizzi qal li hdejn Santa Tereza jigifieri hdejn Naxxar Road, hemm bicca art li hija tal-Gvern u bicca tal-Knisja. Is-Sindku qal li kellha hafna ilmenti dwar l-iskips li jinsabu fuq din l-art. Is-Sindku qalet li l-knisja ma tridx li jkolla skips fil-vicinanzi tal-knisja. Ghalhekk gie deciz li s-sid ta' *Tra Amici* li ghandu dawn l-iskips ghandu jigi infurmat li qed huwa kien qieghed johloq inkonvinjent. Is-Sur John Mizzi ghandui jkellem lis-sid ta' dan l-istabillament dwar dan. Is-Sur John Mizzi qal li hu kien gie mitlub li ssir bozza f'din il-bicca art peress li hemm hafna dlam. Is-Sindku qalet li ga kienet saret applikazzjoni biex dan isir.

7.4 Is-Sur Anthony Buttigieg qal li fl-amministarzzjoni l-ohra, l-kunsill kien gie imwieghed li l-'Ewropa Bussiness Centre' li kien qed jinbena hdejn il-by-pass, kellu jigi allokat numru ta' parking spaces ghall-uzu tal-kunsill. Dan kien qalu l-eks Sindku s-Sur Michael Fenech Adami. Is-Sindku qalet li dan is-suggett ghandu jitella fl-agenda tal-laqgha li jmiss peress li s-Sur Michael Fenech Adami ma kienx prezenti biex jaghti spjegazzjoni dwar dan.

7.5 Is-Sur Anthony Buttigieg staqsa kienx hemm xi zvillup dwar il-progett ta' Smart Supermarket. Is-Sindku wiegbet li kienu qed jsiru tahdidiet bejn Smart Supermarket u Transport Malta. S'issa gie mifthiem li ma jkunx hemm access ghal-Smart Supermarket minn Triq il-Mithna u biex johrog il-permess l-impjegati irid ikollhom post gewwa l-binja fejn jipparkjaw. L-entratura minn Triq Domenco Cachia sejtra tintuza biex jidhlu u johorgu il-vanijiet tal-merkanzija waqt li l-klijenti ghandhom juzaw Triq Ganu u Triq Naxxar. Din hija l-informazzjoni li ghandha s-Sindku s'issa, pero wiehed irid jghid li s'issa xejn mu konkret u ladarba jigi deciz x'ghandu jsir hija kienet sejra tghajjat laqgha ohra ghar-residenti biex jigu mgharrfa b'dan.

## 8 Kommunikazzjoni mis-Sindku

8.1 Is-Sindku qalet li l-kunsillier s-Sur Michael Fenech Adami kien informa li kellu jkun skuzat ghal din il-laqgha peress li ma setax jattendi. Informha ukoll li l-persuna li rebhet it-tender biex imexxi il-bar gewwa Gnien John Borg ghandu jintalab biex jipprezenta l-kondotta tal-Pulizija qabel ma jigi iffirmat il-kuntratt. Is-Sindku qalet li hi kienet sejra taghmel dan minnufih, ghalkhemm din dejjem tigi mitluba mill-Malta Tourism Authority biex jinghata permess lil

wiehed biex ikun jista jopera bar. Tajjeb wiehed li jghid li din il-persuna kienet l-unika wahda li tefghet it-tender.

8.2 Is-Sindku infurmat il-kamra li l-attivita *'Birkirkara u l-Fuhhar'* ghandha ssir fil-25 ta' Ottubru 2014. Hija kienet infurmat liz-zewg impjegati tal-Kunsill, is-Sinjura Mandy Carly Farrugia u s-Sur Andrea Camilleri, il-persuni li qed jiehdu hsieb din l-attivita, biex izommu l-kunsilliera kollha infurmati b'dak kollu li kien qed jigri u bil-laqghat li kienu qed isiru mal-ghaqdiet. Min jixtieq jista jattendi ghal dawn il-laqghat. Is-Sindku ziedet tghid li l-attivita tas-Sette Gugnio kienet sejra terga ssir fl-istess data bhal din is-sena.

8.3 Is-Sindku qalet li kienu gew izuruwha xi membri mill-ghaqda ta' Santa Tereza fejn dejn urew x-xewqa li jippartecipaw fl-attivita *'Birkirkara u l-Fuhhar'.* Hija qalet li dan jista jsir anzi bil-qalb kollha. Is-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet lis-Sindku kienx possibli li jigu mistiedna l-ghaqda ta' Fleur-de-Lys. Is-Sindku wiegbet li din mhux problema imbasta li din l-ghaqda hija NGO.

8.4 Is-Sindku qalet li dalwaqt il-Kunsill kien sejjer idahhal haddiema godda bhala 'Council Attendants' peress li mill-haddiema prezenti hemm min dalwaqt johrog bill-*Maternity Leave* kif ukoll hemm min sejjer jaqa bir-reduced hours minhabba ragunijiet familjari. Hija ziedet tghid li d-dipartiment irid jintalab kemm jistghu jigu impjegati nies u b' liema kundizzjonijiet u grad.

*8.5* Is-Segretarju qal li kien hareg progett bl-isem ta' *'Pilot Project Performance Management Indicators'* fejn kwazi l-kunsilli kollha kienu qed jippartecipaw. Dan il-progett ma kienx sejjer jiswa flus lil-kunsill, anzi seta jibbenifika minn xi grants gejjin min Norvegja. Dan il-progett l-iktar li jiffoka huwa fuq il-process ta' management fil-Kunsilli. Is-Segretarju zied jghid li hu kien mitlub li jtella u jistaqsi l-kamra jekk il-kunsill Lokali Kalkariz ghandux jiehu sehem f'dan il-progett fil-laqgha precidenti. B'disvista dan ma' sarx u ghalhekk kien qed jistaqsi il-kamra f'din il-laqgha. Il-kamra qablet li l-kunsill bhall kunsilli ohra ghandu jippartecipa f'dan il-progett. Huwa zied jghid li fis-19 ta'

Settembru ghandha ssir laqgha dwar dan li ghaliha kienu sejrin jattendu l-kunsilliera s-Sur Jimmy Calleja u s-Sur John Mizzi.

## 9 Gheluq

Il-laqgha spiccat fit-7.15 pm u giet aggornata ghall-nhar l-Erbgha, 15 ta' Ottubru 2014 fis-6.00 pm gewwa l-ufficju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Arthur Pizzuto
Segretarju Ezekuttiv

Joanne Debono Grech
Sindku